MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 47/2007

Francis Schembri

Vs

Angelina sive Lina Schembri u r-Registratur tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex

Il-Qorti,

**Kontestazzjoni ta' rikorsi u digrieti li saru u nghataw mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja fl-atti ta' medjazzjoni wara d-digriet li awtorizzat lill-konvenuta sabiex jipprocedi bil-kawza. Kontestazzjoni ta' procedura ta' medjazzjoni u digriet moghti mill-Qorti minhabba li ma saritx laqgha ta' medjazzjoni u l-Qorti tat digriet dwar hlas ta' manteniment u tgawdija tad-dar matrimonjali *pendenti lite*, minghajr ma semghet lill-partijiet kif jiddisponi l-Artikolu 37(3) tal-Kodici Civili (Kap. 16).**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-27 ta' April 2007 li permezz taghha l-atturi ppremetta li:-

Il-konvenuta Angelina Schembri bdiet proceduri ta' medjazzjoni u dan permezz ta' ittra numru 86/2006.

Il-medjazzjoni inghalqet permezz ta' dikjarazzjoni min-naha ta' l-istess medjatrici fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru, 2006.

L-Artiklu 37(5) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid illi d-digriet imsemmi fis-subartikolu (3) ma jibqax ezegwibbli jekk l-azzjoni ghas-separazzjoni li ghaliha jinghata permess ma tinbediex fi zmien xahrejn mid-data tad-digriet jew f'dak iz-zmien itwal li tista' taghti l-Qorti fl-istess digriet jew f'digriet iehor wara.

Id-digriet imsemmi fl-Artikolu 37(5) gie moghti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru 2006, permezz ta' digriet numru 54/2006 wara li sar rikors minn Angelina Schembri fl-20 ta' Novembru 2006.

Ma sar l-ebda rikors da parti ta' Angelina Schembri u ghaldaqstant ma inghata l-ebda digriet fejn it-terminu ta' xahrejn gie mtawwal u ghalhekk l-effetti tad-digriet numru 54/2006 ma baqghux ezegwibbli wara l-ghoxrin (20) ta' Jannar 2007.

Barra minn hekk Angelina Schembri baqghet tintavola diversi rikosi fl-atti tal-ittra numru 86/2006 wara li kienet inghalqet il-medjazzjoni izda dawn ir-rikorsi gew ikkunsidrati u degretati ghad-detriment tal-attur.

Fost dawn id-digrieti kein hemm ordni ta' zgumbrament li ma giex debitament notifikat lill-attur li per konsegwenza tieghu, l-oggetti kienu jinsabu fil-garaxx tad-dar Redentur Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex, gew depozitati ghand konsenjatarju fejn qeghdin jinzammu hemm bil-kera ghad-dannu tal-attur stess.

Wara l-verbal fl-udjenza tal-20 ta’ Frar 2007, fejn l-attur talab sabiex jigu dikjarati nulli u bla effett dawn id-diversi rikorsi, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba peress li hija ddegretat illi ma kienx il-kompitu taghha f’dik is-sezzjoni li tesprimi ruhha dwar in-nullita’ o meno ta’ xi procedura.

Saret ittra ohra fl-20 ta’ Frar 2007 bin-numru 15/2007 sabiex il-konvenuta tkun f’posizzjoni li tintavola kawza ghas-separazzjoni u kontestwalment ukoll kien sar rikors bl-istess talbiet ta’ access, manteniment u min ghandu jabita fid-dar matrimonjali, u min ghandu jkollu pussess tal-vettura Toyota LCI 712 u l-istess medjazzjoni inghalqet minghajr ma nstemghu l-partijiet u di piu r-rikors gie degretat permezz tad-digriet datat it-tnejn (2) ta’ Marzu 2007, digriet numru 12/2007 (b’kondizzjoni differenti mill-ewwel digriet) u dan minghajr ma kien hemm ebda appuntament tas-smiegh tal-partijiet, liema udjenza hija mitluba mil-ligi ai termini tal-artiklu 37(3) tal-Kap. 16.

Ghaldaqstant, l-attur talba lill-Qorti sabiex tiddikjara:-

1. Ir-rikorsi u d-digrieti kollha li jinghataw wara l-ghoxrin (20) ta’ Jannar 2007 fl-atti tal-ittra numru 86/2006 kif ukoll ir-rikorsi u d-digriet 12/2007 flimkien ma’ dawk d-digrieti li emanew mill-istess digriet nulli u bla effett peress li ma sarux u ma nghatawx skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Permezz ta’ risposta guramentata prezentata fid-19 ta’ Gunju 2007 (fol 8) il-konvenuta cahdet it-talbiet tal-atturi bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Permezz ta’ risposta guramentata prezentata fit-28 ta’ Gunju 2007 (fol. 12) il-konvenuta Registratur tal-Qorti tal-Magistrati Ghawdex iddikjarat li m’hijiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat l-atti kollha tal-kawza kif ukoll l-atti tal-ittri numru 86/2006 prezentata fl-20 ta' Novembru 2006 u 15/2007 prezentata fl-20 ta' Frar 2007 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja li saret riferenza ghalihom mill-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2007 fejn jinghad li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta' ittra (numru 86/2006) prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Familja fl-20 ta' Novembru 2006, l-attrici talbet li tigi awtorizzata:-

(i) Tipprocedi ghas-separazzjoni;
(ii) Tibqa' tghix flimkien ma' wliedha fid-dar matrimonjali;
(iii) Tinghata l-kura u kustodja tal-minuri;
(iv) Tiehu l-pussess tal-vettura Toyota LCI-712.

2. Permezz ta' digriet moghti fit-28 ta' Novembru 2007 il-Qorti:-
(i) Awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.
(ii) Laqghet it-talba sabiex l-attrici tigi awtorizzata li flimkien ma' wliedha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali bl-eskluzjoni tal-attur.
(iii) Akkordat il-kura u kustodja tat-tfal minuri lill-konvenuta u ffissat hinijiet ghall-access.
(iv) Iffissat retta alimentarja ghall-konvenuta u t-tfal minuri.
(v) Awtorizzat lill-konvenuta sabiex taghmel uzu mill-vettura Toyota bl-eskluzjoni tal-attur.
(vi) Innominat lil Dr. Tatianne Cassar sabiex wara li tisma lill-minuri tirrelata dwar x'jista' jsir fl-ahjar interess ta' l-istess.

3. Wara li nghata d-digriet tat-28 ta' Novembru 2007 saru diversi rikors, pero' ma gie prezentat l-ebda rikors sabiex il-Qorti testendi t-terminu ghall-prezentata tal-kawza ta' separazzjoni.

4. Fl-20 ta' Frar, 2007 il-konvenuta regghet ipprezentat ittra (numru 15/2007) fejn gie ripetut dak li inghad fl-ittra tal-20 ta' Novembru 2006. Kontestwalment gie prezentat rikors li permezz tieghu gew mitluba l-istess affarijiet li jissemmew fl-ittra u li dwarhom kien hemm diga' d-digriet tal-Qorti moghti fit-28 ta' Novembru 2007. Fir-rigward tal-ittra prezentata fl-20 ta' Frar 2007, permezz ta' digriet moghti fit-23 ta' Frar 2007 il-Qorti rriferiet il-kaz lill-medjatrici Ms. Erika Cutugno li min-naha taghha fis-27 ta' Frar 2007 ipprezentat nota li permezz taghha nfurmat lill-Qorti li *"diga kellha laqgha mal-partijiet fl-14 ta' Novembru 2006 kif ukoll tkellmet maghhom diversi drabi fuq it-telefon fejn deher car li l-partijiet ma jistawx jaslu ghal ftehim u li f'dan il-kaz il-medjazzjoni tkun inutli ghal-partijiet"*. Sussegwentement b'digriet moght fit-2 ta' Marzu 2007 il-Qorti:-

(i) Awtorizzat lill-konvenuta Angelina Schembri biex tipprocedi ghas-separazzjoni;
(ii) Awtorizzat lill-istess konvenuta sabiex tibqa' tghix flimkien ma' wliedha fid-dar matrimonjali bl-eskluzjoni ta' wliedha;
(iii) Fdat lill-konvenuta l-kura u kustodja tat-tfal minuri u ffissat granet u hinijiet ghall-access favur l-attur;
(iv) Iffissat retta alimentarja ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) fix-xahar bhala manteniment ghall-konvenuta u l-minuri;
(v) Awtorizzat lill-konvenuta sabiex tkun tista' taghmel uzu mill-vettura Toyota.

Mill-atti tal-ittra numru 15/2007 jirrizulta li l-Qorti qatt m'appuntat ghas-smiegh ir-rikors intavolat mill-attrici. Fis-6 ta' Marzu 2007 l-attur gie notifikat bid-digriet tal-Qorti u fis-7 ta' Marzu 2007 ipprezenta rikors li permezz tieghu talab li d-digriet moghti fit-2 ta' Marzu 2007 jigi mhassar

ghaliex skond l-Artikolu 37(2) tal-Kodici Civili l-Qorti kellha tisma' lill-partijiet qabel taghti digriet u f'kull kaz il-medjatrici lanqas m'ghamlet kuntatt mal-attur biex tara jekk minn Novembru 2006 is-sitwazzjoni kienitx inbidlet. B'digriet moghti fit-13 ta' Marzu 2007, il-Qorti cahdet it-talba tal-attur billi ddikjarat li *"...u lanqas ma jistghu digrieti taghha f'din is-sezzjoni jigu attakkati bil-mod propost"*.

5. Il-kawza ta' **separazzjoni Angiolina sive Lina Schembri vs Francis Schembri** (Cit. Nru:- 6/2007) giet prezentata fid-9 ta' Marzu 2007.

6. Permez ta' din il-kawza l-attur qieghed jikkontesta l-validita' ta' rikorsi u digrieti li nghataw wara t-28 ta' Jannar 2007[1] fl-atti tal-ittra numru 26/2006 degretat fit-28 ta' Novembru 2006. Dawn huma:-

(a) Rikors tal-konvenuta prezentat fit-2 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu ntalbet varjazzjoni fir-retta alimentarja stabbilita bid-digriet tat-28 ta' Novembru 2007. Ghal dan ir-rikors l-attur wiegeb fit-22 ta' Jannar 2007 fuq il-meritu (ipprezenta wkoll kopji ta' diversi formoli tat-taxxa) tat-talba ghall-awment. B'digriet moghti **fis-7 ta' Frar 2007** il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-manteniment jigi awmentat ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) kull xahar. Mill-atti ma jirrizultax li l-Qorti kienet appuntat dan ir-rikors ghas-smiegh.

(b) Rikors tal-konvenuta prezentat fit-22 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu saret talba sabiex il-Qorti tordna minn fejn l-attur ghandu jigbor lit-tfal ghal skopijiet ta' access.

(c) Rikors tal-konvenuta prezentat fil-25 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu talbet sabiex l-attur jigi ordnat johrog minn garaxx u basement u tirrevokalu d-dritt li taghtu li jibqa' juzah *pendente lite*, il-konvenuta tinghata d-dritt tal-uzu tal-garaxx u basement, u tordna lill-attur sabiex jerga' jipprovdi s-servizz ta' l-elettriku fid-dar

[1] Ghalkemm fir-rikors guramentat tissemma d-data 20 ta' Jannar 2007, hu evidenti li dan hu zball in kwantu d-digriet li awtorizza lill-kovenuta sabiex tipprocedi ghall-firda personali hu datat 28 ta' Novembru 2007.

matrimonjali. B'digriet moghti fil-25 ta' Jannar 2007 il-Qorti ordnat lill-attur biex jerga' jipprovdi s-servizz ta' dawl fid-dar fejn kienet qeghda tghix il-konvenuta ma' wliedha, u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-Tlieta, **30 ta' Jannar 2007. F'dik is-seduta** l-Qorti tat digriet fis-sens li ordnat lill-attur sabiex johrog l-oggetti kollha li kellu fil-garaxx. Ghal finijiet ta' access gie ddikjarat li l-partijiet kienu qed jaqblu li t-tfal kellhom jingabru u jittiehdu minn quddiem l-Ghassa tal-Pulizija. Sahansitra fil-31 ta' Jannar 2007 l-attur rega' ghamel rikors sabiex il-Qorti thassar id-digriet li permezz tieghu gie ordnat inehhi l-oggetti li kellu minn gewwa l-garaxx, liema talba giet michuda b'digriet moghti fis-7 ta' Frar 2007.

(d) Rikors iehor prezentat mill-konvenuta li permezz tieghu talbet li jinghata provvediment mill-Qorti sabiex jigi zgurat li l-attur jottempera ruhu mad-digriet moghti fit-30 ta' Jannar 2007, jittiehdu provvediment kontra tieghu, pendente lite l-konvenuta tinghata d-dritt ta' l-uzu tal-garaxx, l-oggetti jinhargu mill-garaxx bl-intervent tal-ufficjal ezekuttiv, u sabiex l-attur jigi ordnat ma jersaqx lejn il-garaxx. Rikors li gie notifikat lill-attur fis-6 ta' Frar 2007 u li wiegeb ghalih b'risposta prezentata fis-7 ta' Frar 2007. B'digriet moghti **fis-7 ta' Frar 2007** il-Qorti wissiet lill-attur li jekk ma kienx ser jobdi l-ordni moghtija fit-30 ta' Jannar 2007 fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha, l-ufficjal ezekuttiv gie awtorizzat li *"jizgassa l-bieb ta' dan il-garage permess ta' mastrudaxx inkarigat minnu u jqabbad konsenjatarju sabiex jiehu f'idejh l-oggetti kollha li hemm fl-istess garaxx, kollox a spejjez ta' l-intimat"*.

(e) Rikors prezentat **fit-12 ta' Frar 2007** mill-konvenuta sabiex jigi dikjarat li d-digriet tas-7 ta' Frar 2007 li permezz tieghu l-attur gie ordnat jibda jhallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) fix-xahar bhala manteniment, jitqies li gie notifikat. **B'digriet moghti dakinhar stess** il-Qorti laqghet it-talba.

(f) Rikors prezentat fit-12 ta' Frar 2007 mill-konvenuta fejn regghet saret talba sabiex jigi dikjarat li d-digriet tas-7 ta' Frar 2007 gie notifikat regolarment u sabiex jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-attur. B'digriet moghti **fit-12 ta' Frar 2007** il-Qorti ffissat gurnata ghas-smiegh fir-rigward tat-talba sabiex jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra l-attur u regghet ikkonfermat li skond l-

Artiikolu 187 tal-Kap. 12 l-attur kien regolarment notifikat bid-digriet moghti fis-7 ta' Frar 2007.

L-attur qieghed jikkontesta wkoll il-validita' ta' dak kollu li gara fl-atti tal-ittra numru 15/2007 peress li qieghed isostni li hemm ksur ta' dak li tiddisponi l-ligi in kwantu qatt ma kien hemm medjazzjoni u l-Qorti qatt m'appuntat ir-rikors ghas-smiegh.

Ghalhekk fil-qosor il-lanjanza tal-attur li jirrizulta mill-premessi tar-rikors guramentat huma s-segwenti:-

(a) L-effetti tad-digriet moghti fit-28 ta' Novembru 2006 (fl-atti tal-ittra numru 86/2006 degretat fit-28 ta' Jannar 2007[2] – digriet numru 54/2006) *"... ma baqghux ezegwibbli"* (paragrafu 5 tar-rikors guramentat – fol. 2) ghaliex l-azzjoni ghas-separazzjoni li ghaliha nghata permess ma nbditx fi zmien xahrejn mid-data tad-digriet (Artikolu 37[5] tal-Kodici Civili) u ma saret l-ebda talba ghall-estensjoni ta' dak it-terminu skond l-istess provvediment.

(b) Wara li giet maghluqa l-medjazzjoni (ittra numru 86/2006), il-konvenuta baqghet tintavola diversi rikorsi li xorta gew kunsidrati u degretati ghad-detriment tal-attur wara li giet maghluqa l-medjazzjoni.

(c) Fl-ittra numru 15/2007 li biha bdew proceduri ohra ta' medjazzjoni, l-istess medjazzjoni giet maghluqa minghajr ma kien hemm smiegh u sahansitra gie degretat ir-rikors prezentat kontestwalment minghajr ma kien hemm smiegh kif jitlob l-Artikolu 37(3) tal-Kodici Civili (**ara paragrafu numru 9 tar-rikors guramentat**).

7. Fl-ewwel lok il-Qorti ser tittratta l-eccezjoni moghtija mill-konvenuta Registratur tal-Qorti tal-Magistrati Ghawdex fis-sens li m'hijiex il-legittimu kontradittur (fol. 12). Ma tantx hemm x'jinghad f'dan ir-rigward. Il-proceduri huma bejn il-konjugi Schembri u l-konvenuta l-ohra ma kienet qatt parti ghal dawn il-proceduri. Minn qari tar-rikors guramentat hu evidenti li l-attur m'ghandu l-ebda lanjanza

[2] Mhux kif jinghad fir-rikors guramentat (paragrafu numru 5) l-20 ta' Jannar 2007.

fil-konfront ta' din il-konvenuta. Ghalhekk m'hemmx dubju li din il-parti giet imharrka inutilment u l-eccezzjoni ser tigi milqugha.

8. Il-Qorti hi wkoll tal-fehema li ghandha tirrileva li ghalkemm l-attur qieghed jikkontesta r-rikorsi li saru mill-konvenuta u d-digrieti li nghataw wara t-28 ta' Jannar 2007, hu stess baqa' jaghmel rikorsi fl-atti tal-ittra numru 86/2006. Hekk per ezempju pprezenta rikors fil-31 ta' Jannar 2007, 6 ta' Frar 2007, 14 ta' Frar 2007 biex jinghata provvediment mill-Qorti fuq kwistjonijiet differenti. Bl-istess mod baqa' jikkontesta fil-meritu l-varji rikorsi li ghamlet martu. Kien biss f'seduta li saret quddiem il-Qorti fl-20 ta' Frar 2007 li ghall-ewwel darba d-difensuri tal-attur issollevaw l-kwistjoni li tifforma l-meritu tal-kawza odjerna. Dan fit-tentattiv tieghu sabiex igib fix-xejn dak kollu li kien sar sa dakinhar.

9. Jibda biex jinghad li l-Qorti hi marbuta bil-kawzali u t-talbiet kif proposti mill-atturi fir-rikors guramentat li bih inghata inizju ghal dawn il-proceduri gudizzjarji[3]. Kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] fil-kawza fl-ismijiet **Mekanika Limited vs Masco Security Services Limited** deciza fit-23 ta' Mejju 2007, *"......il-Qorti ma tistax in linea ta' principju ma tassekondax dak sottomess mis-socjeta` attrici, fuq l-istregwa tad-diversi sentenzi minnha citati ("**Gatt -vs-Galea**", Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965 u "**Grech -vs- Saglimbene**", Appell Civili, 9 ta' April 1992, fost ohrajn), illi l-Qorti (u allura wkoll il-periti gudizzjarji minnha nominati) ma tistax temetti gudizzju fuq xi haga mhix rikjesta jew difiza mhix opposta ghax allura jigi li l-gudikant ikun qed jindahal fil-poter dispositiv tal-partijiet billi jaltera jew izid elementi mal-petitum u l-causa petendi ta' lazzjoni, jew mad-difiza ghaliha, u b' hekk jattribwixxi jew jinnega, skond il-kaz, lil xi wiehed mill-partijiet oggett divers minn dak rikjest jew kompriz fid-domanda jew*

[3] *"....l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' kawzali u ta' domandi barra mic-citazzjoni"* (**Emmanuele Calleja vs Joseph Grech** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] fl-10 ta' Gunju 1965 – Vol. XLIX.ii.955).
[4] Imhallef Philip Sciberras.

*fleccezzjoni. Dan, ammenokke, ma jkunx jitratta minn kwestjoni ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva ex officio. Ara "***Cacciottolo utrinque***", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976"*. Qeghda ssir riferenza ghal din il-gurisprudenza in kwantu minn qari tan-n ota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-attur hu evidenti li ssolleva ilmenti li ma nsibux fir-rikors guramentat li bih inghata inizju ghal din il-kawza. Hekk per ezempju hi l-allegzzjoni li l-atti tal-ittra numru 86/2006 m'ghandha l-ebda effett ghaliex ma sarux seduti quddiem il-medjatrici. Ghalhekk il-Qorti ser tkun qeghda taghti decizjoni fuq l-ilmenti kif ressaqhom l-attur fir-rikors guramentat. L-ilmenti tal-attur gew enumerati fir-rikors promotur (fol. 1-2). F'kull kaz pero' rrizulta wkoll li b'digriet moghti fit-23 ta' Novembru 2006 il-Qorti appuntat seduta fit-28 ta' Novembru 2006 li fiha nstemghu l-partijiet. Ghalhekk wara n-nota prezentata mill-medjatrici fil-21 ta' Novembru 2006 il-Qorti hadet l-inizjattiva li tisma' lill-partijiet qabel ma tat id-digriet u kien biss wara li tat id-digriet li bih awtorizzat lill-konvenuta sabiex taghmel kawza ghall-firda personali. F'dan l-istadju jkun utli wkoll li ssir riferenza ghall-Artikolu 37 tal-Kodici Civili in kwantu huwa car li tnejn mit-tlett ilmenti tal-attur huma bazati fuq dan il-provvediment. L-Artikolu 37 jaghti dritt lil kull wiehed mill-konjugi li ***"qabel jinbdew il-procedimenti"***[5] issir talba ghall-hlas ta' manteniment *pendente lite* u digriet biex jigi stabbilit min mill-partijiet ghandu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali. Rikors li skond is-subinciz tnejn (2) ghandu jigi appuntat ghas-smiegh u jigi notifikat lill-kontroparti. Wara li l-Qorti tisma' lill-partijiet ghandha taghti digriet fuq it-talba (Artikolu 37[3]). Imbaghad l-Artikolu 37(5) tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi:-

*"Id-digriet imsemmi fis-subartikolu (3)* ***ma jibqax ezegwibbli*** *jekk l-azzjoni ghas-separazzjoni li ghaliha jinghata permess ma tinbedix fi zmien xahrejn mid-data tad-digriet jew f'dak iz-zmien itwal li tista' taghti l-qorti fl-istess digriet jew f'digriet iehor wara"*.

[5] Minn qari ta' dan il-provvediment jidher li l-istadju *"qabel jinbdew il-procedimenti"* jirreferi ghall-perjodu qabel il-prezentata tal-kawza ta' separazzjoni.

10. Kif rajna bl-ewwel ilment tieghu l-attur qieghed isostni li d-digriet moghti fit-28 ta’ Novembru 2006 ma baqax ezegwibbli wara 28 ta’ Jannar 2007 ghaliex sa dakinhar il-kawza ghas-separazzjoni kienet ghadha ma gietx prezentata (f’dan ir-rigward l-attur qieghed jinvoka l-Artikolu 37(5) tal-Kodici Civili). Dan il-provvediment qieghed jittratta biss kwistjoni ta’ ezekuzzjoni tad-digriet u xejn iktar. Ma jfissirx b’daqshekk li bid-dekors tax-xahrejn stipulati fl-Artikolu 37(5) l-ordni tal-Qorti tithassar *ipso jure*. Ghalhekk jekk per ezempju bid-digriet ikun gie ordnat li *pendente lite* l-mara ghandha tibqa’ tghix fid-dar matrimonjali u saz-zmien xahrejn mid-data tad-digriet ir-ragel ma jkunx ghadu gie zgumbrat mid-dar, il-mara ma tkunx tista’ tezegwixxi it-titolu ezekuttiv (li f’dan il-kaz ikun id-digriet moghti mill-Qorti) billi titlob il-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament fil-konfront ta’ zewgha. Id-digriet moghti mill-Qorti fuq rikors maghmul skond l-Artikolu 37(2) hu titolu ezekuttiv, u bhala tali jista’ jigi ezegwit bhal kull titolu ezekuttiv iehor. L-effett li dan it-tip ta’ digriet hu kwalifikat bhala titolu ezekuttiv ifisser li l-parti li favur taghha nghata d-digriet tkun tista’ titlob il-hrug ta’ wiehed mill-atti ezekuttivi kontemplati fl-Artikolu 273 tal-Kap. 12. Mal-eghluq tax-xahrejn ma jfissirx li dak id-digriet jitlef il-validita’ jew isir null imma ma jibqax titolu ezekuttiv. Il-Qorti hi tal-fehma li sabiex ikun hemm tibdil irid ikun hemm ordni ohra tal-Qorti. Fl-ahharnett il-Qorti thoss li ghandha tirrileva wkoll li dan l-ilment (kif spjegat f’paragrafu numru hamsa [5] tar-rikors guramentat) ma jsib ebda riskontru fit-talbiet tal-attur.

11. Fir-rigward tat-tieni ilment li jittratta dwar ir-rikorsi u digrieti li saru wara d-digriet moghti fit-28 ta’ Novembru 2006 meta l-konvenuta giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni u fl-istadju fejn l-attur isostni li kienet giet maghluqa l-medjazzjoni, l-attur qieghed donnu jimplika li ebda ordni ma tista’ tinghata mill-Qorti wara li jinghata d-digriet li bih wiehed mill-konjugi jigi awtorizzat jibda proceduri gudizzjarji ghall-firda personali sal-gurnata li tigi prezentata l-kawza. Il-Qorti ma taqbilx. M’huwiex possibbli li setghet qatt kienet l-intenzjoni tal-legislatur li ma

jinghatawx ordnijiet fejn ikun mehtieg fl-intervall bejn id-data tad-digriet u d-data li tigi prezentata l-kawza tas-separazzjoni. Interpretazzjoni differenti tkun tfisser biss li ghal dak il-perjodu l-partijiet ma jkollhom ebda rimedju (bl-eccezzjoni dwar kwistjonijiet ta' hlas ta' manteniment u tgawdija tad-dar matrimonjali in kwantu hemm l-Artikolu 37 tal-Kodici Civili). Din il-Qorti m'hijiex disposta li tabbracja din it-tip ta' interpretazzjoni. Ir-regolament numru 4(13) tal-Avviz Legali 397 ta' l-2003: *"Minghajr pregudizzju ghas-subregolament (11) ta' dan ir-regolament, kull parti tista' filwaqt li jkunu ghadhom ghaddejjin il-proceduri ta' konciljazzjoni, medjazzjoni, jew stadji ta' qabel jew matul is-smigh tal-kawza, titlob lill-Qorti taghti dawk l-ordnijiet provvizorji jew tiddekreta tali provvediment jew mandat skond ma jistghu jkunu mehtiega biex tikkawtela kull interess li jista' jkollha"*. Dak li jissejjah bhala *"..stadji ta' qabel..."* (*pre-trial stage*) jidher li hu stadju wara li l-kawza tkun giet prezentata (ara regolament 7(4) ta' l-Avviz Legali 397 ta' l-2003) u jaghlaq wara li l-gheluq tal-proceduri bil-miktub kif definiti fl-istess regolamenti. Madankollu l-Qorti xorta hi tal-fehma li l-ligi ghandha tigi nterpretata fis-sens li mill-ghoti tad-digriet li jaghti permess sabiex issir azzjoni ta' separazzjoni sad-data li ssir il-kawza ta' separazzjoni, il-Qorti kompetenti ghandha l-gurisdizzjoni li taghti dawk il-provvedimenti li jkunu mehtiega fl-interess ta' kull wiehed mill-partijiet. Fatt li jidher li rrikonoxxa l-attur stess li kif rajna, wara li nghalqet il-medjazzjoni baqa' wkoll jipprezenta r-rikorsi. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-garaxx (f'paragrafu numru 7 tar-rikors guramentat l-attur jaghmel riferenza ghad-digriet li skond hu ma giex notifikat mill-Qorti), mill-atti tal-ittra numru 86/2006 jirrizulta li d-digriet tal-Qorti inghata waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2007 li ghaliha kienu prezenti l-attur Francis Schembri u d-difensur tieghu (Dr. Joseph Grech). Dakinhar stess gie notifikat ukoll kopja tad-digriet mill-ufficjal ezekuttiv Joseph Xuereb li fir-riferta nizzel, *"Nghid u nizgura li xhin mort jiena Joe Xuereb marixxall u Mario Portelli marixxall ta' din il-Qorti u biex ninnotifika lil Francis Schembri ta' Neptune Bar u Restaurant xhin tajtu dan il-verbal hatfu minn idejja il-karta (dan il-verbal) u ghaffeg il-karta u irmija u sfida lili il-marixxal u qalli issa ma tkeccini mill-garage la inti u lanqas haddiehor....."*.

Ghalhekk l-ilment ta' l-attur hu ghal kollox frivolu u fieragh. Jekk l-attur qieghed ukoll jippretendi li dak li sar wara t-28 ta' Jannar 2007 hu kollu null (ara l-ewwel talba tar-rikors guramentat) ghaliex il-kawza ta' separazzjoni ma saritx fit-terminu preskritt fl-Artikolu 37(5) tal-Kodici Civili, hawn ukoll m'ghandux ragun (ilment li l-attur kien ghall-ewwel darba qajjem waqt seduta li saret fl-20 ta' Frar 2007 fl-atti tal-ittra numru 86/2006). Kif rajna l-provvediment li qieghed jinvoka l-attur [Artikolu 37(5) tal-Kodici Civili] ma jissarrafx f'nullita' imma li l-provvediment ma jkunx jista' jigi ezegwit permezz ta' wiehed mill-atti ezekuttivi li tikkontempla l-ligi. Giladarba l-attur ibbaaza l-ilment tieghu fuq dan il-provvediment, il-Qorti trid tiddecidi a bazi ta' l-istess u mhux fuq xi provvediment iehor. Li ssostni, kif ghamel l-attur, li digriet li ma jibqax titolu ezekuttiv hu null hu legalment skorrett.

12. Fir-rigward ta' dak li gara fl-atti tal-ittra numru 15/2007 przentata fl-20 ta' Frar 2007 il-Qorti tosserva li:-

(a) Hu minnu li l-Avviz Legali 397 ta' l-2003 jipprovdi li l-Qorti ghandha tordna li l-partijiet ghandhom jidhru quddiem medjatur sabiex il-partijiet jipprovaw jirrikonciljaw u fin-nuqqas jaslu ghal separazzjoni bonarja. Hekk sar meta l-Qorti tat id-digriet tat-23 ta' Frar 2007. L-Avviz Legali jipprovdi wkoll x'ghandu jsir mill-medjatur. Ghalkemm hu minnu li l-medjatrici nominata mill-Qorti (Erika Cutugno) b'digriet moghti fit-23 ta' Frar 2007[6] ma ghamlitx laqgha flimkien mal-partijiet, ma jfissirx b'daqshekk li l-process ta' medjazzjoni hu difettuz. Il-medjazzjoni hi ntiza sabiex issehh rikonciljazzjoni u fin-nuqqas li l-partjiet jipprovaw jaslu ghal ftehim bonarju ta' separazzjoni. Mill-atti jirrizulta li fl-ittra numru 15/2007 il-medjatrici kienet l-istess wahda fil-medjazzjoni numru 86/2006. F'dawk l-atti jirrizulta li l-medjatrici kienet diga' iltaqghet mal-partijiet u b'nota prezentata fil-21 ta' Novembru 2006 iddikjarat li *"....hija kellha zewg laqaghat mal-partijiet u cioe fl-14 u fil-21 ta' Novembru 2006. Illi l-partjiet ma waslux ghal ftehim u*

[6] Mela l-Qorti mxiet skond ma jezigi r-regolament 4(3) ta' l-Avviz Legali 397 ta' l-2003.

*ghalhekk il-medjazzjoni ghandha tinghalaq"*. Fil-fehma tal-Qorti jekk dawn il-laqghat sarux fl-atti tal-ittra numru 80/2006 (ara digriet numru 55/2006 datat 28 ta' Novembru 2006) jew fl-atti tal-ittra numru 86/2006 (ara digriet numru 54/2006 datat 28 ta' Novembru 2006) ma jaghmilx differenza in kwantu kien evidenti li f'dawn il-laqghat il-medjatrici stabbilit li ma kienx hemm possibilita' li l-partijiet jirrikonciljaw jew li ssehh separazzjoni bonarja. Inoltre, l-ahjar prova li m'hemmx lok ghal rikonciljazzjoni jew separazzjoni bonarja hi l-kwantita kbira ta' rikorsi li gew intavolati mill-kontendenti u n-numru ta' kawzi li diga' saru. Jidher li l-partijiet m'huma jaqblu **fuq xejn, lanqas fejn kellhom jigu celebrati l-ewwel tqarbina u l-grizma ta' wliedhom jew minn fejn kellhom jingabru t-tfal ghal skopjijet ta' access ta' l-attur**. It-tezi li hareg biha l-attur li l-medjazzjoni m'hijiex regolari ghaliex ma saritx laqgha quddiem il-medjatrici mhi xejn ghajr tentattiv iehor sabiex jipprova jikkumplika iktar l-affarijiet. F'dan il-kaz kien evidenti li ma kienx hemm skop li terga' ssir laqgha mal-partijiet ghaliex ma kien hemm l-ebda xaqq ta' dawl li ssehh rikonciljazzjoni jew xi separazzjoni bonarja. L-ahjar prova ta' dan hu l-bahar ta' rikorsi u kawzi li saru f'perjodu qasir. Bhala kawzi bejn il-konjugi Schembri hemm ukoll:-

i. **Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri** (Rikors numru 6/2007PC) li hi l-kawza ta' separazzjoni u li fiha gew prezentati diversi rikors kemm ilha li giet prezentata fid-9 ta' Marzu 2007.
ii. **Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri** (Cit. Numru 17/2006AE) li hi l-kawza ghas-separazzjoni tal-beni.
iii. **Francis Schembri vs Angelina sive Lina Schembri** (Rikors numru 60/2007) li kienet tittratta c-celebrazzjoni ta' l-ewwel tqarbina tat-tifla tal-kontendenti u deciza fit-2 ta' Novembru 2007.

F'dan ir-rigward il-Qorti tqies li m'hemm l-ebda irregolarita' fil-proceduri ta' medjazzjoni li bdew fl-20 ta' Frar 2007 cjoe' mal-prezentata tal-ittra mill-konvenuta. Il-laqgha li l-attur jippretendi li kellha ssir quddiem il-medjatrici ma setghet thalli l-ebda frott. Il-fatt li l-medjatrici setghet

tappunta seduta ohra fl-atti tal-ittra numru 15/2007 kienet tkun semplici formalita' u li ma setghet thalli l-ebda frott.

b) B'riferenza ghall-ilment l-iehor dwar id-digriet moghti mill-Qorti fit-2 ta' Marzu 2007 fuq ir-rikors prezentat mill-konvenuta fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tqies li l-fatt li ma gietx segwita l-procedura kontemplata fl-Artikoli 37(2) u (3) tal-Kodici Civili ma jfissirx li hemm xi irregolarita'. Skond regolament numru 4(13) tal-Avviz Legali 397 ta' l-2003: *"Without prejudice to subregulation (11), any party may during the pendency of the procedures in the conciliation, mediation, pre-trial or trial stage, request the Court to make such provisional orders or to issue such writ or warrant as may be necessary to safeguard its interest"*. Imkien f'dawn ir-regolamenti ma jinghad li fejn issir xi talba ghall-ghoti ta' provvediment fil-kors tal-medjazzjoni allura l-Qorti trid tisma' lill-partijiet, ghalkemm certament ikun floku li **skond ic-cirkostanzi u n-natura tal-kaz** il-partijiet jidhru wkoll quddiem il-qorti biex fejn ikun hemm bzonn jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri. Dan dejjem sabiex il-gudikant ikollu quddiemu l-kwadru komplet tal-fatti rilevanti kollha qabel jaghti provvediment u l-partijiet ikun qeghdin jinghataw l-opportunita' li jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Madankollu fil-fehma tal-Qorti r-riferenza li ghamel l-attur ghall-Artikoli 37(3) m'hijiex flokha. Inoltre, irid ukoll jinghad li l-Qorti kif presjeduta fl-atti tal-medjazzjoni numru 15/2007 kienet l-istess Qorti li ttrattat il-medjazzjoni numru 86/2006 prezentata fl-20 ta' Novembru 2006 u ghalhekk kienet a konoxxenza tal-fatti relatati ma' dan il-kaz. Altru milli kellha xenarju komplet tas-sitwazzjoni u kienet fl-ahjar posizzjoni li taghti l-provvediment li tat u li wara kollox kien rikors li jittratta talbiet li kienu diga' saru u nghatat ordni dwarhom fl-atti tal-medjazzjoni numru 86/2006. Jidher bic-car li l-Qorti kienet sodisfatta li kellha konjizzjoni tal-fatti kollha rilevanti b'mod li setghet tasal ghal decizjoni u dan il-fatt jirrizulta bl-iktar mod car mill-atti tal-medjazzjoni numru 86/2006 u inoltre mill-provi lanqas ma rrizulta li kien hemm xi kambjament ta' fatti mid-data tad-digriet li kien inghata fl-atti tal-medjazzjoni numru 86/2006 li bih ir-retta alimentarja giet awmentata ghas-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250). Inoltre l-konvenuta stess

spjegat l-iskop ghalfejn ipprezentat l-ittra (medjazzjoni 15/2007) fl-20 ta' Frar 2007 fir-rikors li pprezentat kontestwalment; *"..... billi l-esponenti kienet ghadha tittama li tissepara bonarjament minn mal-intimat, lahhqu ghaddew ix-xahrejn kif preskritt bl-artikolu 7 tal-A.L. 397/2003, u t-terminu biex taghmel il-kawza lahaq ghadda"* u f'dak il-perjodu hekk qasir ma kien hemm l-ebda bdil ta' cirkostanzi. Fatt li ma gie bl-ebda mod kontestat mill-attur.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Registratur tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u tiddikjara li m'hijiex il-legittimu kontradittrici u ghalhekk qeghda tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u tichad it-talbiet tal-attur.

Spejjez kollha huma a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------